MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 673/2001/1

**England Insurance Agency Limited.**

**-vs-**

**Duncan Petroni.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' April, 2001, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet;

Illi l-attur biegh (verbalment) lill-konvenut li ha pussess minghand l-attur mutur mahbut tal-marka Kawasaki DRN – 750 bil-prezz ta' Lm1500 elf u hames (sic) lira maltin li minnhom il-konvenut hallas lill-attur is-somma ta' Lm200 u ghalhekk ghad baqaghlu jhallas is-somma ta' Lm1300.

Illi l-konvenut mitlub jissalda l-bilanc, l-ewwel accetta u pprometta li sejjer jaghmel hekk diversi drabi, izda imbaghad beda igib hafna skuzi, fosthom anke li nefaq flus biex irrangah.

Illi l-konvenut kien anke propens li jhallsu anek ta’ dawn it-tiswijiet u offrielu is-somma ta’ Lm200, skond ma kien talab originarjament l-istess konvenut ried is-somma ta’ Lm300.

Illi l-konvenut mitlub jiritorna l-imsemmi mutur u jew ihallas il-bilanc tal-prezz baqa’ inadempjenti ghal kollox u ghalhekk ghadu indebitament fil-pussess tal-imsemmi mutu.

Ghalhekk itlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

a) Dikjarat u deciz esolut in-negozju bejn il-kontendenti kif fuq inghad in kwantu neozju bejn il-kontendenti kif fuq inghad in kwantu il-fehim ma sarx bil-formalitajirt tal-kitba rikjesti ad validitatem skond il-ligi u

b) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirritorna lura il-pussess tal-imsemmi mutur lill-attur f’ dak iz-zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti u

c) In difett li jaghmel dan li l-konvenut jigi kkundannat ihallas il-prezz tieghu lill-attur – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-27 ta’ Gunju, 2000 kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjrazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Paul England fl-20 t’ April, 2001 w il-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghall-fini tat-tieni talba tordna lir r-ritorn tal-mutur ghandu jsir entro tletin (30) gurnata millum u f' kaz li dan ma' jsirx tikkundanna ghall-fini tat-tielet talba lill-konvenut ihallas lis-socjeta' s-somma ta' Lm1,300 (elf u tlett mitt liri Maltin).**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------